**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 49 – IT- TNEJN 14 TA' ĠUNJU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | | |
|---|---|---|
| | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja u erbgħin (48) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-25 ta' Mejju u l-14 ta' Ġunju 2010.

2.2. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1427/10. Din kienet talba mingħand resident biex il -Kunsill jagħmel mera fi Triq Ċensu Busuttil kantuniera ma' Alfons

Maria Galea. Il-Kunsill Lokali ma qabilx għaliex diġa hemm 'sleeping-policeman' u 'stop' road markings qabel il-ħruġ.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1471/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien sejjaħ Laqgħa għas-Segretarji u Sindki dwar il-Korsijiet "Skema Lifelong Learning" li sejrin jibdew wara s-sajf.

2.4. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1523/101. Din kient Mistoqsija Parlamentari Nru. 16187 dwar latrini pubbliċi. Il-Kunsilliera staqsiet jekk il-Kunsill jistgħax ikollu waħda fil-Ġnien tal-Bandli. Is-Sindku Anthony Dalli irrisponda li m'hemmx bżonn waħda għaliex il-ġnien mhux daqsekk iffrekwentat mill-pubbliku.

2.5. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal l-korrispondenza Nru. 1565/10. Din kient talba mingħand persuna biex il-Kunsill jagħmel kontribuzzjoni għal bini ta' klinika fl-Etjopja. Is-Sindku żied jgħid li skond il-liġi l-Kunsill ma' jistgħax jagħmel l-ebda donazzjoni għal ebda raġuni.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1578/10. Dawn kienu fondi ġodda lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed jagħmel disponibbli għall-Kunsilli biex isiru xi proġetti fil-lokalita' tagħhom.

2.7 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1521/10. Dan kien proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn ressqu proposti bl-għajnuna finanzjarja mingħand id-Dipartiment biex isiru xi attivitajiet għaż-żgħażagħ fil-lokalita' tagħna.

2.8 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1543/10. Il-Kunsill kien talab laqgħa mal-Perit Edwin Mintoff biex niffinalizzaw il-proġetti tal-Multi-Purpose Pitch u Car Park u l-Bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-25 ta' Mejju u l-14 ta' Ġunju 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru. 25/05-1 dwar vetturi li jgħaddu 'one-way' meta jkunu ġejjin minn Triq Gharghur u jinżlu Triq Erin Serracino Inglott. Dan isir l-aktar meta jkun hemm il-parties fid-Discos "fil-weekends" Il-Kunsill Lokali beħsiebu jordna l-Pulizija biex jissorveljaw dawn it-toroq bil-lejl.

3.3 Rigward talba Nru. 27/05-1 biex issir "T-Sign" fi Sqaq in-Namur c/w Triq Żebbuġa. Il-Kunsill approva din it-tabella.

3.4 Rigward ilment Nru. 28/05-1 li xi ħadd qed ipoġġi 'r-rubbish' quddiem il-bieb ta' dan ir-resident kull nhar ta' Ġimgħa. Il-Kunsill sejjer jara hux possibbli li jibgħat 'Green Warden' biex jissorvelja din id-dar.

3.5 Rigward rapporti Nru. 3125277 bozza W0173, rapport Nru. 125327 bozza W063, rapport 125283 bozza L062, rapport 125284 bozza Nru. L063, u oħra quddiem dar "Ġnejna' Triq Namur, rapport 125530 bozza L085, rapport 14/06-4 bozza W019, dawn qed jerġgħu jiġu investigati.

3.6 Rigward talba Nru. 08/06-1 biex resident 'disabled' issirlu kaxxa safra quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Censu Busuttil minħabba li jipparkjaw eżatt mal-pilastru tal-bieb u qed isibha diffiċli biex joħrog mill-garaxx. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan l-ilment u jara x'jista' jsir.

3.7 Rigward talba Nru. 08/06-2 biex terġa issir il-hump li kien hemm fi Triq Censu Bugeja c/w Triq Stefano Erardi. Din tneħħiet ghaliex vetturi kbar kienu jagħmlu ħafna ħsejjes meta jgħaddu minn fuqha.

3.8 Rigward ilment Nru 08/06-3 li fi Triq Gharghur hemm ħafna ħmieġ u haxix . Dan isir ukoll minħabba d-discos. Barra li l-Kunsill ħa ħsieb jitlob lil-kuntrattur tagħna jnaddafha sew minn fuq s'isfel, sejjer jinvestiga x'qed isir mid-discos.

3.9 Rigward ilment Nru. 08/06-3 li fi Triq Gharghur ħdejn il-'Cortile' hemm għalqa li għandha munzell għoli ta' ħamrija, ħmieġ u karozzi żdingati. Biex is-sid jintalab inaddaf. Il-Kunsill sejjer jinfurma din il-persuna biex tkellem lill-Pulizija u tagħmel rapport.

3.10 Rigward ilment 10/06-1 li fi Triq Pawlu Grech qed ikun hemm ħafna 'rubbish' iy-Tlieta filgħaxija. Il-Kunsill sejjer jibgħat 'Green Warden' biex jinvestiga.

3.11 Rigward talba Nru. 10/06-2 biex isir it-tarmac fl-aħħar parti ta' Sqaq Ġarda. Il-Kunsill ħa nota u din issir aktar il-quddiem.

3.12 Rigward talba Nru. 11/06-1 biex fil-'build-outs' ta' Triq Erin Serracino Inglott c/w Triq Ġuże Pesci jsiru xi bankijiet u siġar. Il-Kunsill ma' laqax it-talba.

3.13 Rigward ilment Nru. 14/06-1 li l-ħanut Mr. Fish qed iħalli r-rubbish fil-parapett b'riħa ta' ħut. Il-Kunsill sejjer jibgħat 'Green Warden' biex jinvestiga.

3.14 Rigward talba Nru. 14/06-2 biex jerġgħu isiru l-litter bins madwar l-Iklin. Il-Kunsill mhux tal-fehma li jerġgħu jsiru għaliex kienu qed jintużaw ħażin u tneħħew.

3.15 Rigward ilment Nru. 14/06-3 li nies qed jieħdu il-klieb iħammġu fi Pjazza Ninu Cremona u dejjem bil-ħmieġ fuq il-bankina. Forsi l-Kunsill jista' jsib xi post fejn jistgħu jmorru. Il-Kunsill għandu jibgħat il-Green Wardens biex jagħmel sorveljanza madwar l-Iklin.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq talba biex jerġgħu jiġu stampati l-kotba ta' l-irċevuti tal-Kunsill mingħand il-Printplan. L-ispiża hija ta' €212.40 u hija bħal tas-sena l-oħra. Il-Kunsill approva din l-ispiża unanimament.

4.4 Il-Kunsill approva unanimament l-ispiża ta' €100 għal xiri ta' kotba lill-Kulleġġ Santa Tereza, Lija-Balzan-Iklin Primary.

4.5 Is-Segretarju ressaq ir-Rendikont ta' Jum L-Mara 2010. Waqt li l-Kunsill daħħal is-somma ta' €868 mingħand il-parteċipanti, u ħareġ ċekk ta' €1055; id-differenza hija ta' €187 li ħareġ il-Kunsill biex ikopri parti mill-ispejjez. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-Rendikont. . Doc. E.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05963/09. Claudette, 51, Triq Censu Busuttil. Bini ta' appartament duplex fuq l-ewwel sular eżistenti, u alterazzjonijiet fil-flat eżistenti. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 04700/09. Sit fi Triq Anton Buttigieg. Biex tinħatt dar u bini ta' garaxx fil-basement, maisonette, żewġ flats u

washroom. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 01352/10. 63, Petlou, Triq l-Iklin c/w Triq Stefano Erardi. Biex jinfetħu twieqi fit-taraġ u jingħalqu l-galleriji bl-aluminium. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Dwar PA 00835/09. Garage 36, Triq Erin Serracino Inglott. BIex jiġi approvat il-garaxx kif inbena. Bdil ta' parti mill-garaxx għal bejgħ ta' prodotti tal-karozzi, ħanut u twaħħil ta' tabella. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi mwarrba. Id-deċizjoni oriġinali tibqa'.

5.6 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Biex tiġi approvata t-tinda tal-canvas. L-applikazzjoni ġiet differita.

5.7 Dwar PA 01990/08. Bitmac Ltd, ix-Xwieki. L/O Iklin. Proposta biex jiġi estiz il-workshop tal-polystyrene. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.8 Dwar PA 03444/09. The Model Shop. Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm. Applikazzjoni "Outline Development' biex isir bini estensiv fuq il-ħanut, store, u r-residenza ta' fuq. Parkeġg taħt l-art, ħanut semi-basement, sular minnhom ħanut, u uffiċċji fil-livell tal-penthouse. 'Change of use' minn bini residenzjali għal-bini kummerċjali

5.9 Dwar PA 05268/08. Sit Tat-Tabib. Titjib fil-partijiet ta' barra, inkluz swimming-pool, ħajt madwar, u reservoir mar-razzett u approvazzjoni tal-ħitan eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.10 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u garaxxijiet taħt. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.11 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda.
PA 01385/10. Rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ. Triq Razzett l-Aħmar c/w Triq il-Ħwawar. Kunsill Lokali Iklin
PA 01386/10. Rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ. Triq Erin Serracino Inglott c/w Triq Anton Manuel Caruana. Kunsill Lokali Iklin.
PA 01384/10. Rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ. Sqaq ġo Triq San Mikiel li jagħti għall-Kappella ta' San Mikiel. Kunsill Lokali Iklin.

5.12 KIen hemm suġġeriment mingħand il-konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq PA 04046/09 2, Maranta, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos.

## 6. ĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI TAL-PROĠETT: Sustainable Energy Action Plan.

6.1 Is-Segretarju ħabbar li l-Kunsill Lokali kien irċieva tlett kwotazzjonijiet kif jidhru hawn taħt:
a.) Econing Engineering Construction - €3700.00
b) d-consulta Ltd - €8000.00
c) EMDP Ltd. - €2900.00

6.2 Is-Segretarju qara' rapport dettaljat fuq analiżi li għamel fuq l-offerti.

6.3 Jidhru li ż-żewġ offerti tad-ditta Econing u EMDP kienu dettaljati ħafna u magħmulin professjonalment; għaldaqstant il-Kunsill għażel li jkellem lill- EMDP Ltd li kien l-irħas wieħed.

6.4 Għaldaqstant sejra ssir laqgħa miegħu biex nieħdu aktar informazzjoni u parir mingħandu.
Doc. F anness.

## 7. ĦINIJIET TAS-SAJF.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi li fis-sajf il-Kunsill Lokali jinfetaħ darba fil-ġimgħa wara nofs in-nhar.
L-iskop hu li dejjem ikollna ġurnata għall-appuntamenti peress li issa bdew in-nofs ta' nhari u l-Kunsill jkun magħluq.

7.2 Dan il-ftuħ mhux sejjer jiġi ċċirkulat mar-residenti, iżda jekk jiġi xi ħadd l-uffiċċju dan jinqeda bħas-soltu bis-servizzi kollha.

7.3 Meta staqsa għal l-opinjoni tal-Kunsilliera, din intogħġbot minn kulħadd u għaldaqtant ġiet approvata.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli reġa qara l-programm ta' Jum L-Iklin fid-dettall u kkonferma xi dettalji dwar ħinijiet u attivitajiet

8.2 Hu qal ukoll li wara li ltqajna mal-Perit Edwin Mintoff fuq il-proġett tal-Multi-Purpose Pitch u Carpark ta' Triq San Mikiel u wkoll l-bini tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill Lokali fi Pjazza Ninu Cremona, issa l-Kunsill sejjer jipproċedi billi nagħmlu appuntament mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jiġi ffirmat il-kuntratt tal-art u fl-stess ħin issir l-applikazzjoni tal-Uffiċċju

l-ġdid fi Pjazza Ninu Cremona għal Full Development Permit mal-Mepa.

8.3 Is-Sur Anthony Dalli staqsa jekk hux kulħadd kien qed jaqbel ma' dawn il-proposti u talab għall-approvazzjoni. Is-Sur Anthony Dalli, is-Sinjura Yvonne Bartolo u s-Sur Ronald Cauchi approvaw, iżda is-Sinjura Margaret Zammit kienet qed tastjeni fuq dan il-vot. Għax ma' taqbilx mal-klawsola fil-kuntratt fejn jgħid li wara 30 sena mill-bidu tal-kuntratt il-propjeta' tmur lura għand id-Dipartiment ta' l-Artijiet.

8.4 Is-Sindku qal li se jġib kjarifikazzjoni mingħand l-Avukat tal-Kunsill fuq dan il-punt.

8.5 Is-Sindku inkariga lis-Segretarju biex jitlob appuntament minnufih mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jigi ffirmat il-kuntratt tal-art.

## 9. AĠĠORNAMENT.

9.1 Peress li ma' kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.35pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.